**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________ **TOTAL:** **marka** ____ /100

**Klassi:** _________________

**A. Imla l-vojt b'dan il-kliem.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-bnedmin | spirtu | sar | ruħ | tagħder |
| kbir u għaref | traba | moħħ | ix-xbieha | is-smewwiet u l-art |

1. Meta nħarsu lejn il-ħolqien, nindunaw kemm Alla hu tassew ____________________ .
2. Alla ħalaq ______________________________ u lilna l-bnedmin.



3. Lil Alla ma narawhx għax hu ________________ .
4. Tant int kbir, Mulej, li d-dinja qisha ___________________ fil-miżien.
5. Int, Mulej, għidt kelma u kollox ________________ .
6. Lill-bnedmin, Alla tahom ___________ biex jifhmu u qalb biex iħobbu.
7. Fost il-ħlejjaq kollha, dawk li Alla jħobb l-aktar huma ________________ .
8. Alla ħalaqna raġel u mara, skond ________________ tiegħu.



9. Alla ta lill-bniedem ġisem u ________________ .
10. Mulej, inti tħobb kull ma jgħix u ________________ lil kulħadd.

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.** **(15-il marka)**

1. Aħna meta sirna wlied Alla?

_____________________________________________________________ (marka)

2. X'insejħulha l-familja t'Alla?

_____________________________________________________________ (marka)



3. Liema kliem juża l-qassis biex jgħammidna?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (2 marki)

4. Xi tfisser aħna d-dawl ta' Kristu? Agħti **żewġ** eżempji fil qosor li juru li inti d-dawl ta' Kristu.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

5. Agħmel talba żgħira li fiha inti **tfaħħar** lil Alla għall-affarijiet sbieħ li hawn madwarek.



______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (4 marki)

6. Nhar ta' Ħadd aħna mmorru l-quddies biex nagħtu l-akbar qima lil Alla. Semmi **tliet** affarijiet fil-quddiesa li permezz tagħhom ningħaqdu ħaġa waħda ma' Kristu.



______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ (3 marki)

**(25 marka)**

**Ċ. Inqimu lil Alla matul is-sena.**

**Daħħal dawn is-sentenzi fiż-żmien li għandhom x'jaqsmu miegħu u żid tnejn oħra magħhom għal kull żmien.**

| | |
|---|---|
| L-Iben t'Alla sar bniedem bħalna. | Ġesù jqum mill-mewt u jidher lill-Appostli. |
| Nagħmlu l-festa tal-Pentekoste. | Jibda erbat iħdud qabel il-Milied. |
| Żmien ta' penitenza, talb u ndiema. | Niftakru fit-tagħlim ta' Ġesù. |
| Niftakru fil-mejtin tagħna. | Nippreparaw il-miġja ta' Ġesù li se jitwieled. |
| Fl-iskola nagħmlu l-eżerċizzi spiritwali. | Niftakru f'meta Ġesù miet għalina. |
| Il-qassis jilbes il-kulur vjola. | Ir-ragħajja marru jaraw lil Ġesù f'Betlehem. |
| Niċċelebraw l-akbar festa tal-Knisja. | Inkantaw l-innijiet tal-Milied fil-quddiesa. |
| Nagħmlu l-festa ta' Kristu Re. | |

**L-Avvent**

1 ____________________

2 ____________________

3 ____________________

4 ____________________

5 ____________________



**Il-Milied u Żmien il-Milied**

1 ____________________

2 ____________________

3 ____________________

4 ____________________

5 ____________________

**Ir-Randan**



1 ____________________________________________

2 ____________________________________________

3 ____________________________________________

4 ____________________________________________

5 ____________________________________________

**Żmien il-Għid**



1 ____________________________________________

2 ____________________________________________

3 ____________________________________________

4 ____________________________________________

5 ____________________________________________

**Żmien matul is-Sena**



1 ____________________________________________

2 ____________________________________________

3 ____________________________________________

4 ____________________________________________

5 ____________________________________________

**D. Fisser fi kliemek il-kliem b'sinjal taħtu. (20 marka)**

Eż. Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija. (**Is-'Sliema'**)
Inti qaddisa li togħġob dejjem lil Alla.



1. Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben... **(Is-Sinjal tas-Salib)**

________________________________________

________________________________________

2. Jitqaddes ismek, tiġi saltnatek... **(Il-'Missierna')**

________________________________________

________________________________________

3. La ddaħħalniex fit-tiġrib... **(Il-'Missierna')**

________________________________________

________________________________________

4. Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina. **(Il-'Missierna')**

________________________________________

________________________________________

5. Glorja lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. **(Il-'Glorja')**



________________________________________

________________________________________

6. Inti tħobbni ħafna, jiddispjaċini talli għidtlek le bi dnubieti. **(L-Att ta' l-Indiema)**

________________________________________

________________________________________

7. Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu jingħata lilek Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja… **(Talba qabel il-'Missierna' fil-quddiesa)**

________________________________________

________________________________________

8. “Dak li jista’ kollox għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu.” **(L-Innu tal-Madonna)**

________________________________________________

________________________________________________

9. Jiena hu Alla sidek; ma jkollokx Alla ieħor għajri. **(Il-Kmandamenti)**

________________________________________________

________________________________________________

10. Glorja ’l Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba. **(Il-kant ta’ l-anġli, il-‘Glorja’ fil-quddiesa)**

________________________________________________

________________________________________________

**E. Ikteb sentenza biex turi li taf min kienu dawn il-bnedmin. (10 marki)**

Eż: **San Pietru**: kien Appostlu ta’ Ġesù u l-ewwel papa, kap tal-Knisja**.**

1. Ġob

________________________________________________



2. Il-Maġi

________________________________________________

3. San Ġwann il-Battista

________________________________________________



4. San Ġorġ Preca

________________________________________________

5. Mikea

________________________________________________

6. San Pawl

_______________________________________________

7. L-Appostli



_________________________________________________________________

8. Il-Messija

_________________________________________________________________

9. L-Isqof

_________________________________________________________________

10. Il-Papa



_______________________________________________________

**(20 marka)**

**F. Aqra din l-istorja mill-evanġelu ta' San Mattew u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

"Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled, sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewba tiegħu, u ġejna nqimuh." Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu."

Erodi bagħat lill-Maġi Betlehem isaqsu għat-tifel. "U meta ssibuh", qalilhom, "ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu." Dawk, wara li semgħu s-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew. Daħlu d-dar u raw it-tifel ma' ommu Marija, u nxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali: deheb, inċens u mirra.

1. X'insejħulha din il-festa tat-tliet Maġi?

__________________________________________________________ (2 marki)

2. X'raw fis-sema?

__________________________________________________________ (marka)

3. Il-maġi lil min marru jfittxu?

__________________________________________________________ (marka)

4. F'liema belt sabu li kien twieled Ġesù?

_______________________________________________ (marka)

5. X'għamlu meta sabuh u x'tawh bħala rigali?

_______________________________________________ (marka)

6. Meta aħna ninxteħtu fl-art u naduraw lil Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

7. Illum aħna kif nistgħu noffru r-rigali tagħna?

_______________________________________________ (2 marki)

8. Nhar ta' Ħadd x'jitlob minna Alla biex ningħaqdu miegħu?

_______________________________________________ (2 marki)

9. Lil min nirċievu fit-tqarbin?

_______________________________________________ (2 marki)

10. Għid kif nistgħu nkunu dawl għall-oħrajn bħalma l-kewkba wasslet lill-maġi għand Ġesù.

a. Fid-dar nista' nkun dawl billi:

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)



b. Mal-ħbieb nista' nkun dawl billi:

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

c. Fil-knisja nista' nkun dawl billi:

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)